

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Reġistri - Kummerċjali, Dwar L-insolvenza U Tal-artijiet](#) > [Reġistri Kummerċjali Fil-pajjiżi Tal-UE](#) > [Netherlands](#)

Reġistri kummerċjali fil-pajjiżi tal-UE

Il-kontenut ipprovdut minn
Olanda

Olanda



Din it-taqsimha tipprovdik b'ħarsa ġenerali tar-Reġistru Kummerċjali Netherlandiż.

X'informazzjoni fih ir-Reġistru Kummerċjali Netherlandiż?

Ir-Reġistru [Kummerċjali Netherlandiż](#) huwa proprjetà u jinżamm mill-Kamra tal-Kummerċ Netherlandiża (*Kamer van Koophandel*), kif awtorizzat mill-gvern permezz tal-Att dwar ir-Reġistru Kummerċjali.

Ir-Reġistru jagħti ħarsa ġenerali tal-informazzjoni (legali) rilevanti kollha dwar il-kumpaniji u l-persuni ġuridiċi kollha ekonomikament rilevanti fin-Netherlands. Il-kumpaniji u l-persuni ġuridiċi kollha jiddaħħlu fir-Reġistru. Dawn jinkludu:

- Kumpaniji (kumpaniji privati u kumpaniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata: BVs u NVs)
- Imprendituri individwali
- Assoċazzjonijiet
- Fondazzjonijiet
- Professionisti (eż. avukati, tobba, artisti)
- Assoċazzjonijiet tas-sidien
- Knejjes
- Uffiċċji tal-Gvern.

L-ammont ta' *data* rreġistrata jvarja skont il-forma ġuridika tal-organizzazzjoni. L-aktar *data* importanti hija:

- Isem (legalment reġistrat)
- Ismijiet kummerċjali oħra
- Forma ġuridika u uffiċċju reġistrat
- Indirizzi
- Diretturi
- Persuni bi prokura
- Persuni impjegati
- Dettalji dwar l-istabbiliment
- Dettalji ta' kuntatt
- Indikazzjoni tal-attivitajiet (skont il-klassifikazzjoni NACE).

Skont il-liġi Netherlandiża, l-informazzjoni fir-Reġistru hija valida (u vinkolanti fuq il-partijiet terzi) sakemm ma jiġix indikat mod ieħor. L-obbligu li wieħed jirreġistra (u jirreġistra kull tibdil) jaqa' fuq il-kumpaniji nfushom. Il-bidliet kollha jridu jiġu rreġistrati fi żmien ġimgħa minn meta jkunu saru.

Ir-reġistrazzjoni fir-Reġistru Kummerċjali ma tagħmilx parti mill-proċess ta' stabbiliment ta' kumpanija fin-Netherlands. Minn perspettiva legali, kumpanija tista' teżisti fin-Netherlands anki mingħajr ma tiġi rreġistrata. Għalhekk, għalkemm huwa illegali li ma tiġix irreġistrata, in-nuqqas ta' reġistrazzjoni ma jipprekludix kumpanija milli teżisti u taġixxi b'ħala kumpanija.

Il-kumpaniji (il)limitati Netherlandiżi għandhom ukoll jiffaljaw il-kont annwali tagħhom fir-Reġistru Kummerċjali. Il-biċċa l-kbira tal-kumpaniji għandhom jippreżentaw karta tal-bilanċ biss, filwaqt li l-kumpaniji l-kbar iridu jiffaljaw ukoll ir-rapport tal-introjtu tagħhom.

L-aċċess għar-Reġistru Kummerċjali Netherlandiż huwa mingħajr ħlas?

L-informazzjoni bażika fir-Reġistru Kummerċjali Netherlandiż – bħal dettalji ta' kuntatt, in-numru tal-Kamra tal-Kummerċ u n-numru tal-istabbiliment – hija disponibbli bla ħlas permezz tas-sit web tal-[Kamra tal-Kummerċ](#). Tiġi imposta tariffa għal tipi oħra ta' informazzjoni, eż. estratti uffiċjali, dikjarazzjonijiet finanzjarji u dokumenti oħra. Tista' ssib [ħarsa ġenerali tar-rati imposti](#) fuq is-sit web tal-Kamra tal-Kummerċ.

Tista' wkoll tniżżel l-[app tar-Reġistru Kummerċjali tal-Kamra tal-Kummerċ](#) bla ħlas. Din l-app tippermettitek tikseb informazzjoni sempliċi mir-Reġistru Kummerċjali.

Sa fejn jistgħu jiġu invokati d-dokumenti fir-Reġistru Kummerċjali Netherlandiż?

Jenħtieġ li kulħadd ikun jista' joqgħod fuq l-informazzjoni li tinsab fir-Reġistru Kummerċjali. Ir-Reġistru Kummerċjali fih *data* awtentika. Il-kwalità tad-*data* hija ggarantita b'tali mod li l-utent ikun jista' jistrieħ fuqha. Is-sid ta' kumpanija huwa responsabbli għal dak li huwa miktub dwar il-kumpanija fir-Reġistru Kummerċjali. Il-kumpaniji rreġistrati jridu dejjem jikkomunikaw kull bidla ta' din l-informazzjoni. Jekk dawn il-bidliet ma jiġux ikkomunikati, imbagħad tapplika l-informazzjoni li tinsab fir-Reġistru Kummerċjali. Din hija magħrufa bħala protezzjoni minn partijiet terzi. Il-partijiet terzi li jaġixxu *in bona fide* għandhom ikunu jistgħu jiddependu fuq id-*data* rreġistrata.

Kif jista' jsir tiftix fir-Reġistru Kummerċjali Netherlandiż?

Tista' tftitex fir-[Reġistru Kummerċjali Netherlandiż](#) billi:

- Isem kummerċjali
- Numru Uffiċjali tal-Kamra tal-Kummerċ
- Indirizz
- Żona tal-kodiċi postali

Storja tar-Reġistru Kummerċjali Netherlandiż

Dati tal-informazzjoni mill-bidu tar-Reġistru attwali (1920). Hemm ukoll *data* disponibbli għal kumpaniji aktar antiki.

Ħoloq relatati

[Ir-Reġistru Kummerċjali Ewropew](#)

[Il-Kamra tal-Kummerċ](#)

[Ir-Reġistru Kummerċjali](#)

■ L-aħħar aġġornament: 18/10/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.